



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 06.07.2021
C(2021) 5150 final*

*L-Onor Dr Anġlu Farrugia
President tal-Kamra tad-Deputati
Il-Parlament ta' Malta
Misraħ il-Ħelsien
MT – IL-BELT VALLETTA
VLT1010*

Sur President,

Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-ħames Regolamenti proposti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiffurmaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil {COM(2020) 610-611-612-613-614 final}¹.

Il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-proposti li jakkumpanjawh jindirizza l-elementi kollha għal approċċ Ewropew komprensiv għall-migrazzjoni. Jistabbilixxi proċeduri mtejba u aktar rapidi tul is-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni u jibbilanċja l-prinċipji tat-tqassim ġust tar-responsabbiltà u s-solidarjetà. Dan huwa kruċjali għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja bejn l-Istati Membri u għall-fiduċja fil-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li ġġestixxi l-migrazzjoni.

Il-Kummissjoni tieġu bis-serjetà t-ħassib espress mill-Kamra tad-Deputati. Bħala reazzjoni għal dawn il-kummenti, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi għall-anness meħmuż.

¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (COM(2020)610); proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (COM(2020) 611 final), il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (COM(2020) 612 final); proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil (COM(2020) 613 final); proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 (COM(2020) 614 final).

Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki mogħtija f'din it-tweġiba jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni tagħha, u tinsab ħerqana li tkompli bid-djalogu politiku fil-ġejjieni.

Dejjem tiegħek,

*Maroš Šefčovič
Viċi President*

*Ylva Johansson
Membru tal-Kummissjoni*



Anness

Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa kull waħda mill-kwistjonijiet imqajma mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni tagħha u bi pjaċir tagħmel il-kjarifiki li ġejjin.

Il-Kummissjoni tesprimi s-sodisfazzjoni tagħha għall-kummenti introdutturji tal-Kamra tad-Deputati dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (COM(2020) 610 final), b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa għal approċċ komprensiv u l-ħtieġa għal tqassim ġust tar-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-miżuri kollha ta' solidarjetà huma mandatorji. Tixtieq ukoll tiċċara li t-tipi kollha ta' kontribuzzjonijiet lil Stat Membru taħt pressjoni u fl-eventwalità li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha biex tiddetermina l-livell ta' kontribuzzjonijiet lil Stat Membru li jiffaċċjaw żbarki wara Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ jeħtieġu li jkun proporzjonati mas-sehem ġust ta' kull Stat Membru.

Il-miżuri ta' solidarjetà kollha huma mfassla sabiex jikkontribwixxu biex tittaffa l-pressjoni migratorja minn fuq l-Istati Membri benefiċjarji. Il-“miżuri l-oħra”, inklużi l-miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet, is-sostenn operazzjonali u miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna, se jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni (bħall-miżuri ta' solidarjetà kollha) skont is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet tal-Istat Membru rilevanti u b'konsultazzjoni miegħu. Din il-kategorija ta' “miżuri oħra” hija wiesgħa sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jingħata sostenn lill-Istat Membru taħt pressjoni jew li jiffaċċja żbarki wara Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ.

Minkejja li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà propost jipprovdi xi flessibbiltà għall-Istati Membri kontribwenti fl-għażla tat-tip ta' miżuri ta' solidarjetà, il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jiżgura li l-Istati Membri benefiċjarji jgawdu minn garanzija solida f'termini ta' rilokazzjonijiet u/jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn.

Il-Kummissjoni indikat li tinsab lesta li tinvolvi mill-qrib lill-Istat Membru kkonċernat fil-valutazzjoni tagħha tal-pressjoni u meta tiddetermina l-miżuri ta' solidarjetà rilevanti kemm għall-Istati Membri taħt pressjoni kif ukoll għal dawk li jiffaċċjaw żbarki wara Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tkun tista' tattiva l-mekkaniżmu ta' pressjoni fuq inizjattiva tagħha stess f'każ li s-sitwazzjoni li jiffaċċja l-Istat Membru thedded li jkollha impatt ukoll fuq l-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil fi Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni tifhem li diversi kummenti mill-Kamra tad-Deputati jirrigwardaw il-mekkaniżmu ta' solidarjetà għall-iżbarki wara Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ. Il-Kummissjoni tinnota l-proposta tal-Kamra tad-Deputati biex f'dan il-kuntest jiġu previsti portijiet alternattivi. Skont il-proposta, il-persuni soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera jiġu esklużi mill-ambitu tar-rilokazzjoni skont il-mekkaniżmi ta' solidarjetà mandatorji għall-Istati Membri taħt pressjoni jew soġġetti għal żbark wara Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ. Ir-raġunament huwa li r-rilokazzjoni għandha tikkonċerna persuni bl-akbar probabbiltà li jingħataw protezzjoni internazzjonali.

Huwa għalhekk li l-miżura ta' solidarjetà tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn hija rilevanti, billi hija mfassla biex ittaffi l-pressjoni tal-Istati Membri fir-rigward ta' persuni li ma għandhomx id-dritt ta' soġġorn fl-UE u li jkollhom jintbagħtu lura, u għalhekk hija direttament rilevanti għal persuni li jirċievu deċiżjoni negattiva fil-proċedura fuq il-fruntiera. Kif enfasizzat mill-Kamra tad-Deputati, il-miżuri ta' solidarjetà proposti mill-Kummissjoni huma għaldaqstant kumplementari u kollha jfittxu li jtaffu l-piż minn fuq l-Istati Membri benefiċjarji.

L-isponsorizzazzjoni tar-ritorn għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-Istati Membri taħt pressjoni minħabba ritorni u li tiżgura li r-ritorni jseħħu malajr kemm jista' jkun. Hija maħsuba wkoll bħala miżura biex tagħmel ir-ritorni aktar effettivi permezz ta' sostenn reċiproku u kooperazzjoni akbar.

Il-Kummissjoni tiegħu nota tas-suġġeriment tal-Kamra tad-Deputati li jitnaqqas il-perjodu minn meta l-persuna tiġi ttrasferita fl-Istat Membru sponsor minn tmien xhur għal sitt xhur. Il-perjodu ta' tmien xhur ġie stabbilit wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u wara li tqies it-tul tal-proċeduri ta' ritorn. Dan il-perjodu tqies li jaċċerta l-bilanċ ġust bejn iż-żmien meħtieġ biex is-sostenn tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn jagħti l-frott tiegħu u l-hteġa li jingħataw biżżejjed garanziji lill-Istat Membru taħt pressjoni. Matul il-perjodu ta' tmien xhur, l-Istat Membru sponsor jista', skont il-ħtiġijiet tal-Istat Membru benefiċjarju, joffri sensiela ta' miżuri bl-għan li jkun ta' sostenn għall-Istat Membru benefiċjarju sabiex jiġu żgurati ritorni f'qasir żmien, li jistgħu jinkludu miżuri ta' sostenn għall-kapaċità ta' akkoljenza.

Qed jiġi propost li l-Istat Membru sponsor jagħżel in-nazzjonalità tar-ritorni abbażi wkoll tal-ħtiġijiet tal-Istat Membru benefiċjarju. Dan ifisser li l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn mhijiex se żżid il-piż fuq l-Istat Membru benefiċjarju, anzi se tneħħi l-piż billi tiżgura ritorn aktar rapidu tal-migranti irregolari jew, jekk dan ma jkunx possibbli, trasferiment lejn it-territorju tal-Istat Membru sponsor. Għalhekk jista' jkollha effett benefiċjarju sinifikanti ferm għall-Istat Membru taħt pressjoni migratorja.

Il-fatt li ċerti Stati Membri jistgħu jagħżlu l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn bħala alternattiva għar-rilokazzjoni ma għandux jiġi perċepit bħala miżura li tippovdi biss solljiev limitat lill-Istat Membru benefiċjarju. L-isponsorizzazzjoni tar-ritorn hija waħda mill-għodod fis-sett ta' għodod ta' solidarjetà tagħna, kif ukoll miżura ġdida biex jiżdiedu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam tar-ritorni. Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà pprovdut fil-Patt il-ġdid huwa flessibbli fit-tfassil sabiex ikun jista' jiġi applikat għal sitwazzjonijiet bi flussi u realtajiet migratorji differenti. Il-fatt li ma hemm l-ebda obbligu li tiġi pprovduta miżura speċifika ta' solidarjetà jiżgura aktar adattabbiltà u fl-aħħar mill-aħħar sistema aktar effiċjenti.

Il-bidliet proposti għall-kriterji biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżaminar ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom l-għan li jiżguraw bilanċ aħjar fil-ġerarkija tal-kriterji ta' responsabbiltà. Għaldaqstant, l-emendi għandhom jitqiesu flimkien. Kemm ir-responsabbiltà estiża fl-eventwalità li persuna tapplika għall-protezzjoni wara l-ħruġ ta' viża jew permess ta' residenza, kif ukoll l-inklużjoni tal-kriterju l-ġdid fl-eventwalità li persuna tkun fil-pussess ta' mira għal diploma u kwalifika, bl-istess mod

bħad-definizzjoni estiża ta' membru tal-familja biex tinkludi aħwa u familji ffurmati fi tranżitu, biex jiġi limitat l-għadd ta' każijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tal-ewwel wasla. L-applikabbiltà estiża tal-kriterju tal-ewwel wasla għal tliet snin wara li jkun seħħ l-ewwel dħul irregolari għandha l-għan li toħloq diżinċentivi għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi biex jistennaw li l-limitu ta' żmien attwali ta' 12-il xahar jiġi fi tmiemu qabel ma japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali.

Fir-rigward tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil (COM (2020) 613 final), il-Kummissjoni tixtieq tagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin.

Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Kamra tad-Deputati li r-rilokazzjoni għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi, mingħajr il-ħtieġa li jkunu f'sitwazzjoni ta' kriżi u mhux abbażi tar-rati ta' rikonoxximent, u li s-solidarjetà għandha tkun disponibbli fi stadju bikri biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' kriżi, il-Kummissjoni tinnotta li l-proposta:

- *tintroduċi regoli speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà, jiġifieri ambitu akbar għar-rilokazzjoni li jiġi estiż biex jinkludi l-applikanti kollha, kemm jekk ikunu soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera kif ukoll jekk le, migranti irregolari, u persuni li jingħataw protezzjoni immedjata;*
- *tipproponi perjodi ta' żmien iqsar għall-iskattar tal-proċedura obbligatorja tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà prevista fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni;*
- *fir-rigward tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, l-obbligu li l-migrant irregolari jiġi trasferit lejn it-territorju tal-Istat Membru sponsor jiskatta jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx irritornat jew ma tkunx tneħħiet fi żmien erba' xhur (minflok tmien xhur).*

Fir-rigward tal-prevenzjoni, il-proposta tistabbilixxi għodod aktar robusti biex tiġi evitata kwalunkwe kriżi fil-futur, bħal sitwazzjonijiet ta' influż bil-massa, iżda wkoll flessibbiltà f'sitwazzjonijiet ta' force majeure, fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-Kummissjoni temmen li jkun diffiċli ħafna li jingħataw definizzjonijiet preċiżi fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' kriżi. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li r-realtajiet ta' tali sitwazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu koperti minn dan ir-Regolament billi pprovdiet il-flessibilità meħtieġa għall-użu f'sensiela wiesgħa ta' kriżijiet li jistgħu jfeġġu u għalhekk jaqgħu fl-ambitu.

Fl-aħħar nett, minħabba l-iżvilupp tal-kunċetti u tar-regoli ta' kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali, u fid-dawl tal-fatt li din il-proposta għal Regolament tistabbilixxi regoli għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għandha tiħassar. Skont din il-proposta, jenħtieġ li tingħata protezzjoni immedjata lil persuni spostati minn pajjiżi terzi li qed jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

L-iskrinjar kif previst fil-proposta dwar l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (COM(2020) 612 final) huwa pass ta' qabel id-dħul li warajh il-persuni jiġu riferuti f'qasir żmien għall-proċedura xierqa, l-ażil jew inkella l-proċedura ta' ritorn, u fiż-żewġ

każijiet, jiġu ggarantiti s-salvagwardji u l-appelli kollha. Id-dispożizzjoni proposta li skontha ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinqabdu b'rabta ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna jew li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim

tal-fruntieri esterni ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru sakemm isir l-iskrinjar, bl-ebda mod ma tkun tfixxer possibbiltà għall-Istati Membri li jeskludu parti mit-territorju tagħhom milli jiġi deżinjat bħala tali jew li jagħmlu l-iskrinjar f'faċilitajiet barra mit-territorju tagħhom. Kif previst fl-Artikolu 6 tal-proposta, l-iskrinjar ta' daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jsir f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew fil-prossimità tagħhom li ma jfissirx li l-persuni kkonċernati ma għandhomx jitħallew jibqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri kkonċernati, inklużi daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun soġġetti għal żbark wara Operazzjoni ta' Tfittxija u Salvataġġ. Dak li tinvolvi l-proposta huwa li d-dħul tagħhom ma għandux jiġi awtorizzat, li għandu jinftiehem bħala awtorizzazzjoni għad-dħul f'termini legali. Dan l-approċċ huwa konsistenti ma' dak użat attwalment fil-punti ta' qsim tal-fruntiera – fl-ajruporti jew fl-hekk imsejja kontrolli tat-tieni linja, meta jkun hemm dubji dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għad-dħul stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Matul dawn il-kontrolli, jitqies li l-persuni kkonċernati ma jkunux ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju u jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi evitat li jaħarbu.

Skont il-proposta dwar l-iskrinjar, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-postijiet xierqa għall-iskrinjar fil-fruntiera esterna jew fil-prossimità tagħha filwaqt li jqisu l-ġeografija u l-infrastrutturi eżistenti, u jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinqabdu, kif ukoll daww li jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera, ikunu jistgħu jiġu sottoposti għall-iskrinjar f'qasir żmien. Il-proposta tħalli marġni ta' diskrezzjoni f'idejn l-Istati Membri rigward l-għażla tal-postijiet, kif ukoll rigward il-miżuri meħtieġa biex il-persuni li jsirihom l-iskrinjar jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet matul l-iskrinjar. Il-prossimità tal-fruntiera hija importanti għall-iskrinjar fil-fruntiera esterna. Id-detenzjoni tista' tintuża biss jekk ma jkunx fadal miżuri oħra x'jittieħdu u l-garanziji u s-salvagwardji kollha jkun applikabbli.

L-iskrinjar għandu jkun qasir kemm jista' jkun, u f'sitwazzjoni normali ma għandux jaqbeż il-ħamest ijiem. Madankollu, il-proposta tippredvi li f'ċirkostanzi eċċezzjonali meta għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollu jsirihom skrinjar fl-istess ħin, dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem oħra. Barra minn hekk, jekk l-iskrinjar ikun laħaq id-durata massima ta' ħamest ijiem, jew 10 ijiem f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, l-iskrinjar għandu jintemm immedjatement, anki jekk ma jkunux ġew iffinalizzati l-passi kollha. Għandu immedjatement jingħata bidu għal proċedura ta' ażil jew ritorn jew ċaħda tad-dħul, li twassal għal deċiżjoni li tista' tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Fir-rigward tal-ispejjeż relatati ma' dawn il-kompiti l-ġodda, il-proposta tistabbilixxi li dawn jistgħu jiġu koperti mir-riżorsi disponibbli fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid għall-2021-2027.

Rigward il-proposta emendata għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil (COM (2020) 611 final), il-Kummissjoni ħadet nota tal-fatt li l-Kamra tad-Deputati taqbel li "proċedura obbligatorja fuq il-fruntiera tagħmel differenza sinifikanti għar-ritorn ta' persuni li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali". Il-proċedura proposta fuq il-fruntiera

applika b'mod obbligatorju fi tliet każijiet definiti b'mod ċar u limitati ta' persuni li x'aktarx ma jkunux jeħtieġu protezzjoni internazzjonali: persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi li għalihom il-proporzjon tad-deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti l-protezzjoni internazzjonali jkun 20 % jew anqas, persuni li jirrappreżentaw periklu għas-sigurtà u persuni li jiżvijaw lill-awtoritajiet. Fir-rigward tal-ewwel raġuni, l-iddeterminar tan-nazzjonalità ta' persuna mingħajr dokumenti tista' tabilħaqq tkun wieħed mill-aspetti diffiċli tal-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-ażil. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar fil-ħidma tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil f'dan ir-rigward, li jiġbor flimkien l-aħjar prattiki tal-UNHCR u tal-Istati Membri fil-qasam.

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera meta l-applikant ikun ċittadin ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fir-rigward tar-riammissjoni u li għalih għalhekk ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' ritorn. L-iskattar ta' din id-deroga jiddependi fuq l-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi, bl-użu tal-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni li pajjiż terz ma jikkooperax biżżejjed. It-titjib tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-komponent importanti tal-Patt il-Ġdid.

L-involviment imtejjeb mal-pajjiżi terzi, li għandu jingħata bidu mill-hekk imsejħa rapporti ta' valutazzjoni tal-Artikolu 25a, għandu wkoll jikkontribwixxi wkoll biex l-isponsorizzazzjonijiet tar-ritorn jaħdmu u biex jiġu ddeterminati n-nazzjonalitajiet diretti lejn il-proċedura fuq il-fruntiera. Kif diġà previst mill-proposta tal-Kummissjoni, u kif jissemma fl-Opinjoni, il-migranti irregolari minn pajjiżi b'livell baxx ta' rikonossiment huma soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera u għalhekk prijoritizzati f'termini ta' ritorn.

Is-suċċess tal-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni ppreżentat fil-Patt il-Ġdid jiddependi fuq it-twaqqif b'suċċess tal-pilastri kollha tas-sistema Ewropea komuni dwar ir-ritorn u, b'mod partikolari, fuq kooperazzjoni aħjar dwar ir-riammissjoni. Sabiex tara li l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, kif ukoll il-proċedura fuq il-fruntiera jaħdmu, il-Kummissjoni hija impenjata li tagħti s-sostenn tagħha lill-Istati Membri biex jiżguraw ritorni sikuri u f'qasir żmien.

Fir-rigward tat-territorju, l-approċċ huwa simili għal dak enfasizzat aktar 'il fuq u konsistenti miegħu fir-rigward tal-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar. Il-proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil tipprevedi li l-proċedura fuq il-fruntiera fir-rigward tal-ażil għandha tiġi applikata għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li ma jkunux ingħataw awtorizzazzjoni li jidħlu fit-territorju u li, bħala regola, id-dħul tagħhom ma għandux jiġi awtorizzat matul dik il-proċedura. Din għandha tinftiehem biss bħala awtorizzazzjoni għal dħul f'termini legali; ma tistax tiġi interpretata bħala possibbiltà għall-Istati Membri biex ma jħallux lill-persuni kkonċernati jibqgħu fiżikament fit-territorju waqt li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu qed jiġu eżaminati. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-bidliet li proċedura bħal din se ġgħib magħha għall-Istati Membri tal-ewwel wasla, il-Kummissjoni tixtieq itenni li s-sostenn finanzjarju u loġistiku meħtieġ se jkun disponibbli għall-implimentazzjoni tal-proposti li jakkumpanjaw il-Patt, inkluż mill-aġenziji tal-UE (l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil/l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, il-Frontex).